**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Dicembru, 2019**

**Mandat Nru: 1549/2019 AF**

**Amadeo Axiak u Sharon Azzopardi**

**vs**

**Raymond Sammut**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Amadeo Axiak u Sharon Azzopardi li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talbu lil din il-Qorti zzomm lil Raymond Sammut milli personalment jew permezz ta' terzi jaghmel jew ikompli jaghmel kwalunkwe tip ta' xoghol u/jew zvilupp relatat mal-kostruzzjoni ta' sular jew sulari, inkluz it-tkissir u r-rimozzjoni tas-saqaf tat-tarag tal-komun jew kwalunkwe xoghol iehor rigwardanti l-partijiet komuni, fil-blokk appartamenti maghruf bhala "Belfiore", bin-numru ufficjali tnax (12), Triq il-Forga, in-Naxxar.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat it-twegiba ta' Raymond Sammut.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti huma sidien ta' appartament fi blokka fejn huma sidien ukoll tal-bejt sovrastanti l-appartament. Huma proprjetarji wkoll ta' sehem indiviz tal-partijiet komuni tal-binja. L-intimat proprjetarju tal-bqija tal-arja fuq il-blokka liema arja huwa issa jixtieq jizviluppa. Huwa m'ghandux sehem fil-proprjetà tal-partijiet komuni tal-blokk però ghandu biss jedd ta' uzu. Ir-rikorrenti ghandhom access ghall-bejt taghhom biss billi jghaddu minn fuq l-arja, cioè l-bejt tal-intimat.

Bil-pjan tieghu sabiex jizviluppa l-arja l-intimat qieghed jipprogetta jaghlaq l-access li ghandhom fil-prezent ghall-bejt taghhom ir-rikorrenti u jiftah access iehor fil-komun li fuqu huwa ghandu biss dritt ta' uzu. Inoltre, jidher ukoll mad-daqqa t'ghajn illi l-qlib tal-ilma fuq il-bejt tar-rikorrenti jxaqleb ghal fuq il-bejt tal-intimat, li jidher mir-ritratti li huwa fil-livell aktar baxx minn dak tar-rikorrenti, tant li, tidher targa bejn iz-zewg bjut.

l-intimat isostni li ma jirrizulta mill-kuntratt ta' bejgh ebda jedd tar-rikorrenti fuq il-bejt tieghu. Hawnhekk il-Qorti tinnota illi kien huwa stess li biegh l-appartament u l-bejt lir-rikorrenti, fl-istat li hu, b'access minn fuq l-arja tieghu. Kien hu stess li rrizerva ghalih biss uzu fuq il-partijiet komuni.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti, l-Qorti tqis illi r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw, *prima facie*, li ghandhom il-jeddijiet li jsostnu li jgawdu.

Ghal dak li jirrigwarda pregudizzju din il-Qorti tqis li ghalkemm l-izvilupp strutturali mhuwiex irriversibbli, is-soluzzjoni f'kaz ta' ezitu favorevoli ghar-rikorrenti tkun ferm sproporzjonata. Ghalhekk ikun ghaqli li x-xoghol jinzamm sakemm tigi deciza l-kawza fil-mertu li ser tinbeda wara li jigi milqugh il-mandat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ta' Amadeo Axiak u Sharon Azzopardi u zzomm lil Raymond Sammut milli personalment jew permezz ta' terzi jaghmel jew ikompli jaghmel kwalunkwe tip ta' xoghol u/jew zvilupp relatat mal-kostruzzjoni ta' sular jew sulari, inkluz it-tkissir u r-rimozzjoni tas-saqaf tat-tarag tal-komun jew kwalunkwe xoghol iehor rigwardanti l-partijiet komuni, fil-blokk appartament maghruf bhala "Belfiore", bin-numru ufficjali tnax (12), Triq il-Forga, in-Naxxar.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF